

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Litwanja) fl-14 ta' Marzu 2016 – UAB “Vakarų Baltijos laivų statykla” vs Valstybinė mokesčių inspekcija prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos

(Kawża C-151/16)

(2016/C 191/16)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Qorti tar-rinviju

Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: “Vakarų Baltijos laivų statykla”

Konvenuta: Valstybinė mokesčių inspekcija prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 14(1)(ċ) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003 ⁽¹⁾, li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku, kif l-aħħar emendat bid-Direttiva tal-Kunsill 2004/75/KE, tad-29 ta' April 2004 ⁽²⁾, għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li d-dazji tas-sisa ma jistgħux jinġabru fuq il-proviżjon ta' prodotti ta' enerġija f'ċirkustanzi fejn, bħal f'dan il-każ, dawn il-prodotti huma pprovduti bħala karburant lil bastiment sabiex jintużaw għal skopijiet ta' navigazzjoni fl-ibħra tal-[Unjoni Ewropea] bil-għan, li ma jinvolvi remunerazzjoni diretta, li dan il-bastiment ibaħħar bil-mezzi tiegħu stess mill-post fejn ġie mibni għal port fi Stat Membru ieħor sabiex jimbarka l-ewwel merkanzija kummerċjali tiegħu?
- 2) L-Artikolu 14(1)(ċ) tad-Direttiva 2003/96 jipprekludi dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, bħal dawk applikabbli f'dan il-każ, li jipprekludu l-benefiċċju tal-eżenzjoni fiskali previst f'din id-dispożizzjoni fil-każ fejn il-proviżjon tal-prodotti ta' enerġija sar bi ksur tal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru, anki jekk dan il-proviżjon jissodisfa l-kundizzjonijiet essenzjali għall-applikazzjoni tal-eżenzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni tad-Direttiva 2003/96?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 405.

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 2, p. 21.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Grand Dukat tal-Lussemburgu

(Kawża C-152/16)

(2016/C 191/17)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: J. Hottiaux, aġent)

Konvenut: Il-Grand Dukat tal-Lussemburgu

Talbiet

- tiddikjara li billi ma ħoloqx ir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-transport bit-triq tiegħu, u għaldaqstant, billi ma stabbilixxiex interkonnessioni mar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-Istati Membri l-oħra, il-Grand Dukat tal-Lussemburgu naqas mill-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 16(1) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Ottubru 2009, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-transport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE ⁽¹⁾;
- tikkundanna lill-Grand Dukat tal-Lussemburgu għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1071/2009, kull Stat Membru għandu jżomm reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-transport bit-triq li ġew awtorizzati mill-awtorità kompetenti nazzjonali sabiex jeżerċitaw il-professjoni ta' trasportatur bit-triq.

Issa, mir-risposta tal-Istat Lussemburgiż għall-ittra ta' intimazzjoni jirriżulta ma ġiex stabbilit tali reġistru nazzjonali.

Konsegwentement, l-Istat Lussemburgiż ma jinsabx konformi mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1071/2009.

Skont l-Artikolu 16(5) tar-Regolament Nru 1071/2009, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji kollha sabiex ir-reġistri elettroniċi nazzjonali jkunu interkonnessi u aċċessibbli fl-Unjoni kollha.

Fl-assenza ta' reġistru nazzjonali, ma hemm l-ebda dubju li l-amministrazzjoni Lussemburgiża ma adottatx il-miżuri neċessarji sabiex ir-reġistru nazzjonali tagħha, li ma jeżistix, jiġi interkonness mar-reġistri nazzjonali l-oħra.

Konsegwentement, l-Istat Lussemburgiż ma kkonformax ruħu mal-Artikolu 16(5) tar-Regolament Nru 1071/2009.

⁽¹⁾ ĠU L 300, p. 51.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (Il-Latvja) fil-15 ta' Marzu 2016 –
“Latvijas dzelzceļš” VAS vs Valsts ieņēmumu dienests**

(Kawża C-154/16)

(2016/C 191/18)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Qorti tar-rinviju

Augstākā tiesa

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: VAS “Latvijas dzelzceļš”

Konvenuti: Valsts ieņēmumu dienests

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 203(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽¹⁾, għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika f'kull każ fejn il-volum totali tal-merkanzija ma jkunx ġie ippreżentat lill-uffiċċju doganali ta' destinazzjoni tal-proċedura ta' tranżitu estern, inkluż meta d-distruzzjoni totali jew it-telf irrimedjabbli tal-merkanzija jiġu pprovati b'mod soddisfaċenti?